# TMIEM IL-FRUGĦA

Fejn marret il-warda sabiħa
Li kienet tiksilek ħaddejk?
Fejn marret il-ħarsa ferħana
Li kienet issaltan f'għajnejk?
Fejn marret? kif għabet? kif ħarbet
Il-qrolla li kellek f'xuftejk?

Rajt issa kif kollox jispiċċa?
Kif torqod il-qawwa tad-demm?
Kif titfa kull ħaġa li tlellex?
Dak ġmielek kif seta' jintemm?
Rajt issa kull daħka titbiddel
Fil-bikja, fil-karba tal-hemm!

Sfajt waħdek titbekka f'xi rokna,
Imwarrba minn dawk li saħħart;
Imġewħa, marida, maħmuġa,
Titmiegħek, titkagħbar ma' l-art;
Tixtieq illi kellek sold wieħed
Minn dawk li fil-ħela tajjart!

Tispiċċa, minn hawn u ftit ieħor,
Tintefa, tintemm bħal musbieħ,
U titlaq mid-dinja minsija
Bħal żiffa ħafifa tar-riħ.
Rajt l-għaqal, il-ġabra kemm tiswa?
Rajt issa x'ifisser il-ġieħ?

KARM DEBONO